II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1695

tat-12 ta' Novembru 2020

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 46(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Marzu 2012 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 267/2012.

(2) Fit-18 ta' Ġunju 2020 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2020/847 ([2]).

(3) Wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-490/18 ([3]), jenħtieġ li Neda Industrial Group jitneħħa mil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012.

(4) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

([1]) ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/847 tat-18 ta' Ġunju 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 196, 19.6.2020, p. 1).
([3]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2020, *Neda Industrial Group vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-490/18, ECLI:EU:T:2020:318.

ANNESS

Fir-Regolament (UE) Nru 267/2012, Anness IX, parti I, taqsima B (Entitajiet), titħassar l-entrata li ġejja:

"47. Neda Industrial Group".